Waqt il-purċissjoni xi Tarxiniżi jixegħlu l-gallerji u anke xi ħdud idoqqu l-'Ave Maria'. Fit-Triq is-Sorijiet welldet drawwa li kantanta tkanta l-'Ave Maria'. Din hi drawwa ħelwa u min iħeġġiegħa. Fl-imgħoddi kienu jitfu l-karti fuq il-vara waqt li tkun għaddejja fit-toroq. Dan spiċċa minħabba li l-karti kienu jinżlu fuq il-vara u joborxuha.

### ĠEMGĦA NIES

Drawwa li qiegħda tiżviluppa dawn l-aħħar snin hi li waqt il-purċissjoni grupp ta' nies jinġabru madwar il-vara iċapċpu u juru l-ferħ ta' qalbhom ta' dik is-siegħa tant għażieża għalihom. Sa fejn naf jien, din id-drawwa bdietha ċertu waħda Memè Agius. Magħha kien ikun hemm membru ieħor ta' din il-familja li kienet toqgħod fi Triq Birżebbuġa, ċertu waħda Camilleri.

Il-vara tal-Lunzjata fiha ħafna folklor marbut magħha. Dan il-folklor juri l-importanza tal-vara u fuq kollox kemm hija fil-fond tal-qalb Tarxiniża. J'alla dan l-interess kollu u din l-imħabba tkompli u tinxered fost iż-żgħażagħ ta' dan ir-raħal.


**Referenzi**

Lanfranco Guido, Drawwiet u tradizzonijiet Maltin, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2000. p153

J C Camilleri, Il-folklor marbut mal-vaar tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien, Il-Mument 23 ta' Mejju 2004.

J C Camilleri, Ġabra ta' Leġġendi, Wise Owl Publications, Malta 2009.

Walter R Zahra, fiż-Żejtun – il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex, PIN 1992.



Nixtieq nirringrazzja lil Karmnu Mercieca (Karmnu tal-Kagħak), Joseph A Farrugia u Charles Garcia tat-taqbilijiet li tawni biex stajt nibni dan l-artiklu.


Dan l-artiklu deher mod differenti fil-gazzetta l-Mument nhar 23 ta' Mejju 2004. Billi kien hemm żieda fl-informazzjoni ħsibt biex jerġa jidher f'din ir-rivista.

# IL-PURĊISSJONI TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU FIR-RABAT TAL-IMDINA[1]


**Joseph C. Camilleri BA; DEAM; M.Ed**


Fl-ewwel Ħadd t'Ottubru, minn ħafna knejjes parrokkjali u minn dawk Duminkani toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. Dawn il-purċissjonijiet ikun fihom l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, membri tal-konfratellanza tar-Rużarju, kif ukoll il-fratelli tal-fratellanzi l-oħra tal-parroċċa, l-kleru u l-'piccolo clero', u l-parruċċjani devoti tal-Madonna tar-Rużarju. Fil-Birgu, fil-belt Valletta u fir-Rabat (ta' Malta) kienu joħorġu purċissjonijiet b'żewġ statwi , dik tal-Madonna tar-Rużarju u dik tal-Patrijarka San Duminku. Minn dawn it-tliet purċissjonijiet tnejn baqgħu joħorġu l-istatwa ta' San Dumniku barra dik tal-Madonna tar-Rużarju – dawk tal-Birgu u tar-Rabat.

### IL-PURĊISSJONI TAR-RABAT

Il-Knisja tal-Madonna tal-Għar jew kif inhi magħrufa aktar bħala l-knisja ta' San Duminku tkun armata għal din il-festa. Id-damask jgħatti l-arkati tal-korsija kif ukoll il-kappelluni. L-altar tal-kor jkun imżejjen bil-gandlieri tal-'fidda' u l-figuri tal-appostli. Il-gradenzi jkun fihom it-terożi tal-fidda u d-deheb. L-altari l-oħra jkunu mżejna. Iżda l-aqwa altar ikun dak tal-Madonna tar-Rużarju. Dan ikollu gandlieri tal-'fidda' u l-figuri tal-appostli impittra. Fil-korsija, biswit il-bieb ta' barra jkun hemm żewġ statwi. Fuq in-naħa tal-kappellun tal-Lunzjata jkun hemm l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju u fuq in-naħa tal-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju jkun hemm l-istatwa ta' San Duminku. Fil-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju jkun hemm l-istandard abjad u s-salib tal-fidda u żewġ lanterni.

Wara l-quddiesa kantata tibda ħierġa l-purċissjoni. Qabel tibda toħroġ, in-nies joħorġu mill-knisja u bil-mod il-mod jibdew jimlew iż-żuntier. Aktar ma jgħaddi ż-żmien l-atmosfera tal-festa Maltija timla l-qlub tan-nies. Dan wieħed jifhem billi din hi l-unika purċissjoni li toħroġ minn din il-knisja, ferm għal qalb ir-Rabtin li joqogħdu f'dawn l-inħawi.

### L-EWWEL PARTI TAL-PURĊISSJONI

L-ewwel li joħroġ ikun l-istandard tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju. Wara l-istandard kien hemm is-salib u ż-żewġ lanterni. Sew il-persuna li jkollha l-istandard u sew il-persuni li jkollhom is-salib u l-lanterni jkunu libsin ta' fratelli. L-ewwel fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju twieldet fil-Birgu fil-knisja tal-Lunzjata, l-knisja tad-Dumnikani. Dan il-fratellanza kienet diġà wieqfa fi żmien il-Battalja ta' Lepanto , battalja li ġġieldu l-insara kontra l-qawwa Torka. Skont il-papa ta' dawk iż-żminijiet, il-Papa Piju V, din ir-rebħa nisranija kienet minħabba l-għajnuna li tat il-Madonna wara t-talb ħerqan mill-insara permezz tar-Rużarju [2]. Sentejn wara t-twaqqif tal-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju fil-Birgu twieldet dik tar-Rabat. Mill-1536, din il-fratellanza kellha kappella fil-knisja tal-Madonna tal-Għar iddedikata lill-Madonna ta' Salterio fejn kienet issir

[1] Dan l-artiklu ktibtu wara li personalment attendejt għall-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju li saret nhar is-7 t'Ottubru 2012 mill-knisja tal-Madonna tal-Għar fir-Rabat.

[2] Mallia Philip: The Dominican order and the Blessed Virgin in Malta till the end of the 18th century, f'Marian Devotions in the Islands of St Paul (1600-1800), Vincent Borg (ed) ,The Historical Society, Mal;ta 1983 p309.

il-festa kbira ad unur il-Madonna tar-Rużarju [3].

Wara l-'fratelli' jkun hemm l-istatwa tal-Patrijarka San Duminku. Din l-istatwa tkun merfugħa minn tmien reffiegħa. Din l-istatwa għandha leggenda marbuta magħha. Louis Vassallo jikteb hekk fuq l-istatwa tal-Patrijarka San Duminku: 'Jgħidu li kienet inġiebet mill-Birgu.[4] Skont ir-riċerka li għamel Anton Attard sirna nafu li din l-istatwa saret minn Peppi Vella jew kif kien magħruf - Mastru Pepp - għall-knisja tal-Lunzjata tal-Birgu. Saret fl-1849 u li ġiet ordnata mill-fratellanza tar-Rużarju '....biex issieħeb dik tal-Madonna fil-purċissjoni nhar il-festa tar-Riżarju.' [5] Dejjem skont ir-registru tal-kontijiet tal-fratellanza, Mastru Pepp daħħal 70 skud, 50 minhom kienu għotja minn żewġ benefatturi. Maż-żmien din l-istatwa ġiet magħrufa bħala l-'antika' u kienet tinżamm fis-sagristija tal-oratorju tal-fratellanza. Waqt Konsulta ġenerali tal-fratellanza li saret nhar 23 ta' Frar 1911, ġie approvat li din l-istatwa tingħata lid-Dumnikani tar-Rabat (Knisja tal-Madonna tal-Għar). Ir-raġuni wara din id-deċisjoni kienet li l-fratellanza issa kellha statwa oħra, statwa ġdida ta' dan il-qaddis li kienet saret minn Giovanni Darmanin. [6]

## IT-TIENI PARTI TAL-PURĊISSJONI

Wara l-istatwa jimxu l-abbatini (piccolo clero) u l-patrijiet. Ikun imiss l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. Din l-istatwa waslet minn Ruma fl-1661 għaliex saret hemm minn id Melchiorre Gafà. Hi turi lill-Madonna bilwieqfa u fuq l-id ix-xelluġija qiegħda żżomm figura ta' tfajjel żgħir – il-Bambin li hu għeri minn kollox. Il-Madonna għandha velu li jinsab itir fuq wara. Sew il-Madonna u sew il-Bambin qegħdin iżommu kuruna tar-Rużarju. Din l-istatwa hi ferm importanti fl-istorja tal-iskultura Maltija għaliex kienet użata bħala mudell għal ħafna statwi Marjani li saru wara, fuq kummissjonijiet mill-fratellanzi u kappillani għall-purċissjoni.[7] Eżempju ta' dan hi l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li saret għall-fratellanza tar-Rużarju tal-parroċċa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien. Din l-istatwa Tarxiniża saret minn id Giovanni Maria Saliba fl-1698. [8] Wara l-istatwa Marjana jkun hemm il-bandalora tat-Terz'ordni Dumnikan u d-devoti tal-Madonna tar-Rużarju.

## RIFLESSJONI

Għaliex fit-tliet ċentri Dumnikani kienu joħorġu l-vara ta' San Dumniku flimkien mal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fil-purċissjoni li kienet u għada ssir fl-ewwel Ħadd t'Ottubru? Hemm il-possibilità li l-oriġini ta' din id-drawwa ġej mill-purċissjonijiet speċjali li kienu jsiru fuq ordnijiet tal-Gran Mastri u l-isqfijiet. Eżempju ta' din it-tip ta' purċissjoni saret fid-29 ta' Marzu 1658 wara li Malta ħasset sensiela ta' terrimonti. Kien l-isqof M J Balaguer de Camarasa li ordna din il-purċissjoni speċjali, barra minn żmienha, bħala ringrazzjament u talb għall-ħarsien minn aktar terremoti. F'dawn il-purċissjonijiet kienu joħorġu mill-knisja ta' San Dumniku tal-Belt Valletta kwadru ta' San Duminku. Dan l-inkwadru kien miżmun fis-sagristija ta' din il-knisja parrokkjali. Maż-żmien, li wieħed juża xi ħaġa devozzjonali ta' San Dumniku patrun tal-Ordni tad-Dumnikani f'dawn il-purċissjonijiet tal-Madonna tar-Rużarju, niżlet tajjeb mad-devoti u bdiet tintuża anke fil-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju li jsiru kull sena fl-ewwel Ħadd t'Ottubru.

Mill-belt Valletta din id-drawwa marret sew il-Birgu u sew fir-Rabat. Il-purċissjoni tal-Birgu għada ssir bħall-purċissjoni tar-Rabat jiġifieri b'żewġ statwi. Dik tal-Birgu jużaw l-istatwa ta' San Dumniku li saret minn Michael Camilleri Cauchi. Huma jużaw pedestal tal-injam u mhux tal-fidda. Dan jintuża għall-festa ta' San Duminku. Din l-istatwa saret fil-1986.[9] Ma' din l-istatwa jkun hemm l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li saret minn id Vincenzo Bonnici fl-1864.[10] Dan ifisser li l-istatwa ta' San Dumniku tinħareġ darbtejn fis-sena, waħda għall-festa ta' San Dumniku u darba oħra tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Fil-Belt Valletta din id-drawwa baqgħet ħajja sas-snin 80 tas-seklu l-ieħor. Il-kittieb Rafel Bonnici Calì kiteb hekk fl-1987: 'Il-festa tar-Rużarju tal-Belt Valletta maż-żmien saret fiha x'tara tassew wara li saret il-vara tal-Patrijarka San Dumniku, għax din il-vara sabiħa tal-qaddis bdiet toħroġ wkoll flimkien mal-vara tal-Madonna bil-Bambin, u hekk għadha toħroġ il-purċissjoni llum, b'żewġ vari.' [11] L-istatwa ta' San Dumniku li hija tal-injam saret fi Spanja madwar 290 sena ilu. Vassallo jkompli jgħid xi ħaġa oħra fuq din l-istatwa. Hu jgħid li hawn min hu tal-opinjoni li din hi xogħol ta' Melchiorre Gafà. L-istatwa l-oħra li kienet tinġarr fil-purċissjoni u li hi tal-Madonna tar-Rużarju hija xogħol ta' Giuseppe Mazzeo de Rizzini. Din saret fl-1615 u għalhekk aktarx hija l-eqdem statwa tal-Madonna tar-Rużarju. Din saret fuq ordni ta' Patri G B Ruggiero li kien il-pirjol tal-kunvent tad-Dumnikani tal-Belt Valletta.

---

[3] Mallia Philip op cit

[4] Vassallo Louis; Il-Purċissjonijiet bil-vari tar-Rużarju u ta' San Duminku li fihom x'tara tassew!, Madonna tar-Rużarju, Gudja, Festa 2012, Soċjetà Filarmonika La Stella, Gudja p159

[5] Attard Anton: Xhibat San Dumniku fil-Birgu, Xhieda ta' devozzjoni kostanti li tmur lura mijiet ta' snin, Festi Solenni San Duminku ta' Guzman, Il-Birgu 2012 p59.

[6] Attard Anton op cit p63

[7] Mallia Philip op cit p310

[8] Anon;Il-vara tal-Madonna tar-Rużarju, Tarxien Ottubru 2012

[9] Kummikazzjoni mis-Sur Andrew Zahra, żgħażugħ mimli bl-ispirtu ta' San Dumniku. Din il-kummikazzjoni saret fl-9 t'Ottubru 2012.

[10] Mallia Philip op cit p 310.

[11] Bonnici Calì Rafel; Kitbiet Imżewqa, Malta, Pubblikazzjoni Lejen is-Sewwa, 1987 p61.

Għaliex din id-drawwa fil-belt Valletta waqfet? Waqt li kont nipprepara din l-artiklu kellimt lil xi nies li għandhom għal qalbhom l-knisja u l-kunvent tal-patrijiet tad-Dumnikani tal-Belt Valletta. Ir-risposta tvarja. Hawn min hu tal-fehma li billi l-istatwa ta' San Dumniku toħroġ fil-festa tal-qaddis m'għandhiex għalfejn terga' toħroġ fil-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju. Hemm oħrajn li huma tal-fehma ta' Louis Vassallo meta kiteb: '..l-vara tar-Rużarju ma għadhiex aktar toħroġ flimkien ma' dik ta' San Dumniku, minħabba li ma jkunx hemm reffiegħa biżżejjed jew għal raġunijiet oħra.[12]

**KONKLUŻJONI**

Dawn il-purċissjonijiet huma xi ħaġa speċjali. Hija ħasra li jispiċċaw darba għal dejjem. L-istatwi ta' San Duminku jagħmlu sens fil-purċissjonijiet tal-Madonna tar-Rużarju, aktar u aktar jekk dawn joħorġu minn knejjes Dumnikani. Louis Vassallo jikkommenta hekk: 'Dan l-istil devozzjonali hu msensel mill-fatt, li l-Ordni Duminkana hi mfassla ħaġa waħda ma' dan il-kult (tal-Madonna tar-Rużarju), fejn l-aktar li jispikka hu propju San Duminku li hu l-fundatur ta' din l-Ordni.' [13]

Għalhekk il-patrijiet Dumnikani jridu jagħmlu minn kollox biex (1) iżommu ħajja din id-drawwa fil-Birgu u fir-Rabat, u (2) jqajmu mill-ġdid din id-drawwa fil-Belt Valletta. In-nuqqas tar-reffiegħa forsi kienet problema fl-imgħoddi iżda issa din il-problema baqgħet? Għaliex għandna nċaħħdu din id-drawwa lill-poplu li aktar ma jgħaddi ż-żmien qed jiddependi fuq it-turiżmu għall-għajxien tiegħu? Skont ma qal Louis Vassallo dawn il-purċissjonijiet tar-Rużarju huma xi ħaġa rarita. L-uniċi purċissjonijiet li jġorru aktar minn statwa waħda huma tal-Ġimgħa l-Kbira.

© Joseph C. Camilleri

[12] Vassallo Louis; op cit p157.

[13] Vassallo Louis; op cit p157

# IL-KARNIVAL F'ĦAL TARXIEN[14]

**Joseph C. Camilleri BA; DEAM; M.Ed**

Il-karnival kien jinħass fl-iskola primarja. Il-bniet ta' Ħal Tarxien kienu jmorru l-iskola ta' Lanzon. Din kienet dar kbira fi Triq Paola. Ħamis qabel il-Karnival il-*break* iż-żgħir ta' filgħodu kien wieħed twil. Kull tifla kienet iġġib *lunch*' doppju u ħafna u ħafna ħelu. Din il-waqfa itwal mis-soltu kienet issir għaliex il-Ħamis ta' qabel Ħadd il-Karnival kien ikun *Giovedi Grass*. Il-Maltin kienu jieklu aktar mis-soltu għaliex dalwaqt kien se jibda r-Randan – żmien ta' sawm u penitenza. L-għada l-Gimgħa kien ikun jum ta' skola u t-tfal jerġu jidħlu l-iskola l-Erbgħa, l-għada ta' Ras ir-Randan. Skont Lorenza Camilleri l-ikel fost il-bniet kien wieħed ftit aktar min-normali iżda ma tistax tgħid l-istess ħaġa fost is-subien. Hi kienet tiftakar membri tal-familja tagħha li kienu jieħdu l-iskola barzakka żgħira mimlija ħobż u ħelu għal dan il-jum.

**SIBT IL-KARNIVAL**

Is-subien kienu jinġabru fl-isqaqien ta' Triq Santa Marija fejn kien ikollhom tappijiet tas-sufra u sulfarini. Kienu jinġabru ġo xi rokna u hemm kienu jaħarqu t-tappijiet bis-sulfarini. Wara kienu iġemmdu wiċċhom. L-aktar komuni kienu l-mustaċċi, il-moħħ - l-aktar in-naħa fuq l-għajnejn u l-ħaddejn. Xi subien kienu jġibu xi ħwejjeġ qodma ta' xi nanna jew żija, xi bastun jew xi biċċa għodda. Min jissellef, min jiddobba u min jieħu mingħajr ma' jgħid lil ommu. Wara issir ġirja mat-toroq ta' Ħal Tarxien. Fl-aħħar jinġabru ħdejn iċ-Ċimiterju tal-Erwieħ, iċ-ċimiterju ta' Ħal Tarxien fost ħafna daħk u burdell.

Filgħaxija kienet issir l-aktar ħaġa mistennija tal-Karnival. Minn Wara l-Bjut, wieħed mid-distretti ta' Ħal Tarxien, kienu joħorġu qatta qatta ġuvintur lebsin liżar abjad karti. Fil-qalba tal-liżar kienu jagħmlu żewġ toqob biex meta jpoġġu l-liżar fuq rashom fit-toroq jkunu jistgħu jaraw. Barra mil-liżar kien ikollhom l-ixkupa. Meta kien jidlam sewwa, kienu joħorġu minn xi dar fejn kienu jinġabru u jibdew iduru triq triq, sqaq sqaq. Kienu jieqfu quddiem xi dar fejn kienu jafu li kien hemm xi tfajla li huma kienu jafu sewwa. Kienu jaqbdu l-iskupa u jibdew jħabbtu fuq il-ġalleriji jew it-twieqi. Waqt li kienu jħabbtu kienu jgħajtu l-ismijiet tat-tfajliet u kliem tal-biża. 'Dolor, l-Erwieħ ġejna għalik. Oħroġ barra biex neħduk magħna.' 'Mari hawn tal-Erwieħ għalik.' Karmni oħroġ barra għax ġew għalik.' Xi guvni li kien tafa' għajnejh fuq xi tfajla u li hi ftit tat widen, lejla bħal dik kienet tkun okkazzjoni ta' vendetta. Miskina dik it-tfajla matul l-iljieli tal-Karnival.

Tħabbat issa u tħabbat imbagħad, fl-aħħar il-missier kien jitilgħulu, u tal-lożor kienu jispiċċaw maħsula b'xi barmil ilma kiesaħ kiesaħ. Tassew Karnival. Din l-istorja 'tal-Erwieħ' bil-lożor kienet issir f'kull lejl tal-Karnival, iżda l-aqwa lejl kien ikunu dak ta' Sibt il-Karnival.

**JIEM IL-KARNIVAL**

Il-ġuvintur kienu jgħaddu l-karnival billi kienu jilbsu ta' nisa. Kulħadd kien jiddobba stamina, ċulqana jew għonella u xi dublett. Dawk li kienu l-aktar imqarbin kienu jiġru wara x-xebbiet. Il-ġuvintur kienu jinġabru wkoll flimkien u kienu jduru mar-raħal waqt li kien hemm xi ħadd li jdoqq xi tambur jew flejguta.

**IL-KARNIVAL BARRA MIR-RAĦAL**

Xi familji kienu jħallu l-kenn tar-raħal u jirħulha għall-belt jew għall-Kottenera. Biex jaslu kienu jikru xi karrozzin. Ġieli kienu jieħdu magħhom xi ħadd li jaf jgħanni u xi

[14] Dan it-tagħrif kollu nġabar mill-awtur ta' dan l-artiklu wara intervisti li kien għamel lil ommu – Lorenza Camilleri (1921-2013). Lorenza għexet ħajjitha kollha f'Ħal Tarxien sakemm marret toqgħod f'San Vinċenz.